# Knejjes Iddedikati lill-Madonna tal-Karmnu fil-Gżejjer Maltin

**Miktub minn Odette Gauci Cortis B.A. (Hons.) History**

Reġa' wasal ix-xahar ta' Lulju u żgur li kull Malti u Għawdxi jassoċja dan ix-xahar mal-Madonna tal-Karmnu speċjalment fil-ġurnata tas-16 ta' Lulju. Sa mill-bidu taż-żminijiet il-Maltin dejjem kellhom devozzjoni lejn Ommna Marija Santissma taħt il-forma ta' diversi titli. Infatti l-iktar li hawn knejjes u kappelli ddedikati f'Malta huma dawk lill-Madonna. U l-knejjes u l-kappelli ddedikati lill-Madonna tal-Karmelu m'humiex ftit lanqas.

Għalhekk f'dan l-artiklu tiegħi nixtieq nagħti naqra informazzjoni dwar xi wħud mill-knejjes li huma ddedikati lill-Madonna tal-Karmnu biex inkunu nistgħu nifhmu din l-imħabba li kellhom missirijietna.

## Il-Knisja tal-Karmnu ġewwa San Pawl il-Baħar

Din il-knisja qiegħda qrib Għajn Razul. Għalkemm din mhux il-knisja parrokkjali tar-raħal ta' San Pawl xorta waħda hija kkunsidrata bħala importanti għan-nies ta' dak il-post. L-istoriku Ferres jgħid li hi ta' kostruzzjoni riċenti. Bdiet tinbena fis-16 ta' Awissu 1854 u tlestiet fl-10 ta' Frar 1855. Ġiet imbierka mid-Delegat Kappillan Camilleri tan-Naxxar fil-15 ta' Mejju 1856. Benefatturi li għenu ħafna biex tiġi mibnija din il-knisja kienu Dun Ġużepp Bonavia, il-Konti P.P. Theuma Castelletti u Manwel Gauci fost oħrajn. Din il-knisja tintuża b'mod regolari min-nies ta' dawk l-inħawi u jsir quddies fiha spiss.

It-titular ta' din il-knisja juri lill-Madonna tal-Karmnu bil-Bambin fuqha. Fiha wkoll diversi kwadri oħra. Fl-1927, ir-Rettur ta' din il-knisja Dun Santino De Piro ħaseb biex ikabbar din il-knisja li kienet saret żgħira wisq għan-nies ta' hemmhekk. Twalet kważi d-doppju li kienet qabel in-naħa ta' quddiem u saritilha faċċata ġdida b'gallerija ta' l-orgni u kampnar li ġie mgħammar b'qanpiena mdaqqsa. Ix-xogħol sar fuq il-pjanta tal-Perit Edward Borg Cardona. Fl-1929 din il-knisja waqgħet f'idejn il-patrijiet Franġiskani tal-parroċċa.

## Il-Knisja tal-Karmnu ġewwa l-Imdina

Il-Patrijiet Karmelitani kienu joqogħdu ġewwa l-Imdina sa mis-seklu sittax. Huma bnew kunvent għalihom imma ma kienx biżżejjed għax riedu knisja li setgħu mexxuha huma. Infatti l-ewwel kisbu l-knisja tal-Madonna ta' Rocca (tal-Blat). Imbagħad talbu lill-Isqof Balaguer biex ikollhom knisja oħra u huwa sema' t-talba tagħhom u tahom il-knisja ż-żgħira li kienet msejħa *Sinjura tal-Kastell.* Il-patrijiet raw li din kienet żgħira wkoll allura waqqgħuha u reġgħu bnewha kif nafuha llum. Bnewha akbar u f'għamla aħjar fl-1666 fuq disinn ta' Franġisk Sammut u magħha ġie miżjud kunvent.

Għalkemm il-knisja hija msejħa



*Il-knisja tal-Karmnu f'San Pawl il-Baħar*



*Il-knisja tal-Karmnu tal-Balluta*



u magħrufa bħala dik tal-Karmnu infatti fil-verità hija ddedikata lil-Lunzjata, dan it-titlu ħaditu mill-knisja l-oħra l-qadima li hemm fir-Raħal. Il-kwadru ewlieni juri l-Lunzjata u dan sar mill-pittur Stiefnu Erardi. Barra minn dan il-kwadru l-knisja fiha żewġ kwadri oħra li huma ta' San Xmun u Sant'Elija li saru mill-pittur Mikiel Bellanti li pinġa wkoll il-Madonna tal-Karmnu. Ġużeppi Calì għamel il-kwadri tad-Duluri u ta' San Ġużepp. Il-kampnari saru mill-Kapumastru Arkitett Pawlu Sapiano wara li l-kampnar il-qadim waqa' b'terrimot fit-12 ta' Ottubru 1856.

Ta' min jgħid li minn din il-knisja kienet bdiet il-qawma tal-Maltin kontra l-Franċiżi fl-1798, meta l-Franċiżi telgħu hemm biex ibiegħu t-tapizzerija tagħha. Din il-knisja għadha tintuża sal-lum il-ġurnata kuljum u f'Lulju ssir il-festa tal-Madonna tal-Karmnu, bil-ħruġ ukoll ta' l-istatwa.

## Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Balluta

Din il-knisja sabiħa hi guspatronat tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta. L-ewwel ġebla tagħha tqiegħdet fil-21 ta' Novembru 1858 minn Monsinjur Vigarju Ġenerali l-Kanonku Dr. F. Amato. Il-knisja ttellgħet bi flus il-Fratellanza tal-Belt fuq id-disinn ta' l-Arkitett Ġużeppi Bonavia. Wara għaxar xhur xogħol, il-knisja kienet lesta u dan kien fit-18 ta' Settembru 1859 u ġiet imbierka solennament mill-Isqof Pace Forno.

Il-knisja kienet imtellgħa fuq stil Longobard u kellha artal wieħed. Iż-żieda fil-popolazzjoni ġiegħlet lill-Patrijiet Karmelitani jieħdu ħsieb jibnu oħra li tkun akbar. Tqabbad il-Perit Galizia bie iħejji l-pjanti u fl-1877 inbniet fuq stil Gotiku, u fl-1 ta' Frar 1890 il-fratellanza tal-Belt ċediet il-knisja lill-istess patrijiet ta' l-istess Ordni flimkien ma' biċċa art biex fuqha jittella' kunvent. Il-popolazzjoni dejjem baqgħet tikber u fl-1958 reġgħet inbniet knisja oħra għamla ta' Salib Latin. Din il-knisja kienet magħmula minn kor, żewġ kappelluni u kursija. Kellha wkoll sagristija. Artali kellha ħamsa u żewġ kampnari.

Imma din ukoll ma kinitx biżżejjed u nbniet knisja oħra kif nafuha llum. Din saret fuq stil neo-gotiku u nbniet minn Karmenu Micallef u tlestiet fid-9 ta' April 1975. Il-patrijiet talbu li ssir parroċċa. U fis-16 ta' Ġunju 1974 din ix-xewqa saret realtà. Kienet ikkonsagrata fit-12 ta' Diċembru 1984. Fost ir-rikezzi li fiha din il-knisja nsibu t-titular li juri lill-Madonna tal-Karmnu u Ġużeppi Labre. Dan huwa xogħol ta' Ġużeppi Calleja li għamel ukoll il-kwadri ta' Sant'Andrija, San Ġużepp bil-Bambin u San Lwiġi Conzaga. L-iskultur Ċensu Cremona ħadem il-kurċifiss, l-isperanza u l-karità fost oħrajn. Din il-knisja tintuża b'mod regolari u ssir fiha l-festa tal-Madonna tal-Karmnu fix-xahar ta' Lulju bil-ħruġ ta' l-istatwa.

Sawn it-tliet knejjes huma ftit mill-ħafna li hawn imxerrdin fil-gżejjer Maltin imma żgur li l-istorja tagħhom tixhed l-imħabba li n-nies tal-post kellhom lejn Sidtna Marija taħt it-titlu tal-Karmnu.



*Pittura ta' bandalora li kienet saret fl-1981 fl-okkażjoni tal-100 sena ta' l-Inkurunazzjoni.*